**Digriet tal-Qorti Ġenerali tas-17 ta' Ġunju 2019 BS vs Il-Parlament Ewropew**

**(Kawża T-593/18)** ([1])

***("Servizz pubbliku – Uffiċjali – Avviż ta' bidla fid-drittijiet għall-pensjoni – Allowance għal wild dipendenti – Allowance tal-edukazzjoni – Wild li nħakem minn diżabbiltà li tipprekludih milli jissodisfa l-bżonnijiet tiegħu – Kura effettiva tal-wild – Artikolu 2 tal-Anness VII tar-Regolamenti tal-Persunal – Irkupru tal-ammonti mħallsa indebitament – Żball manifest ta' evalwazzjoni – Dritt għal amministrazzjoni tajba – Rikors għal annullament")***

(2019/C 399/73)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż*

**Partijiet**

*Rikorrent:* BS (rappreżentanti: M. Maes u J.-N. Louis, avukati)

*Konvenut:* Il-Parlament Ewropew (rappreżentanti: inizjalement D. Boytha u T. Lazian, sussegwentement T. Lazian u C. González Argüelles, aġenti)

**Suġġett**

Talba bbażata fuq l-Artikolu 270 TFUE u intiża għall-annullament, minn naħa, tal-avviż ta' bidla tad-drittijiet għall-pensjoni tar-rikorrent tal-10 ta' Awwissu 2017 sabbilit mill-Parlament Ewropew u, min-naħa l-oħra, "sa fejn meħtieġ", tad-deċiżjoni ta' rkupru tal-ħlasijiet indebiti ta' EUR 1589,16 għax-xhur ta' Settembru, Ottubru u Novembru 2017 u ta' EUR 4815,16 hekk kif jirriżulta mir-rendikont ta' pensjoni tar-rikorrent ta' Diċembru 2017.

**Dispożittiv**

1) *Ir-rikors huwa miċħud.*

2) *BS għandu jbati l-ispejjeż rispettivi tiegħu kif ukoll dawk sostnuti mill-Parlament Ewropew.*

([1]) ĠU C 427, 26.11.2018

---

**Digriet tal-Qorti Ġenerali tas-16 ta' Settembru 2019 – ZH vs ECHA**

**(Kawża T-617/18)** ([1])

***("Servizz pubbliku – Membri tal-persunal temporanju – Rapport ta' evalwazzjoni għas-sena 2016 – Leave tal-mard – Talba għad-danni – Ilment imressaq wara l-iskadenza tat-terminu ta' tliet xhur previst fl-Artikolu 90(2) tar-Regolamenti tal-Persunal – Forza maġġuri – Żball skużabbli – Inammissibbiltà manifesta")***

(2019/C 399/74)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* ZH (rappreżentanti: L. Levi u N. Flandin, avukati)